Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Rikors 369/2014

**Keith Schembri (appellat)**

**Vs**

**Nathaniel Attard u Joseph Micallef (appellanti)**

30 ta' Gunju, 2017.

1. Fil-11 ta' Novembru, 2014 l-attur harrek lill-konvenuti taht l-Att dwar l-Istampa (Kap. 248) wara artiklu pubblikat fil-gazzetta In-Nazzjon tal-11 ta' Novembru, 2014, bit-titlu *"Hamsin Jum mill-Harba ta' Ryan Schembri Li Hu Mfittex Dwar il-Frodi ta' €40 Miljun Hawn min jaf fejn qieghed"*.

2. Il-konvenuti wiegbu li:

   i. L-artikolu mhuwiex libelluz u ma fihx fatti li mhumiex veri. Ghalhekk ma kienx intiz li jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni tal-attur.
   ii. L-artikolu fih fatti verifikabbli u kummenti dwar kwistjonijet fl-interess pubbliku dwar persuna pubblika u ezercizzju tal-liberta tal-espressjoni.

3. B'sentenza tal-11 ta' Lulju, 2016 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) cahdet l-eccezzjoni u laqat it-talba tal-attur u kkundannatu lill-konvenuti jhallsuh is-somma ta' hamest elef ewro (€5,000) bhala danni.

4. Il-konvenuti appellaw. L-aggravji huma:-

   i. L-ewwel qorti zbaljat ghaliex ghamlet assunzjonijiet gratuwiti.
   ii. Is-sentenza tal-ewwel qorti hi bazata fuq konsiderazzjonijiet li mhumiex libelluzi.
   iii. L-ammont likwidat hu sproporzjonat.

5. L-attur wiegeb fejn ta r-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud.

6. Il-kaz jitratta artikolu pubblikat fil-gazzetta In-Nazzjon fil-harga tal-11 ta' Novembru, 2014 bit-titlu *"Hawn min jaf fejn qieghed"*. Is-suggett li nkiteb dwaru hu certu Ryan Schembri li fl-artikolu gie rapportat li harab minn Malta u li hu mfittex dwar frodi ta' erbghin miljun ewro (€40,000,000). Artikolu pubblikat fil-faccatta tal-gazzetta fejn jidher ritratt tal-attur ma' gemb dak ta' Ryan Schembri u tahthom il-kliem: *"Ryan Schembri (lemin) u Keith Schembri*

*'Il-Kasco' kellhom negozji kbari fi Tripli, u huma kugini primi ta' xulxin… tal-ewwel mahrub u l-iehor jefnasizza li qatt ma ghamel xi negozju ma kugunih"*.

7. Fl-artikolu gew rapportati diversi **fatti** (statement of fact), bhal li:

   i. L-attur hu Chief of Staff, fl-ufficcju tal-Prim'Ministru.

   ii. Hawn min jaf fejn jinsab Ryan Schembri.

   iii. L-attur hu prim'kugin ta' Ryan Schembri.

   iv. Ryan Schembri kien:

   *"serrah ras persuna partikolari dwar fejn jinsab, biex dawn ma joqghodux jinkwetaw li forsi jinsab f'xi periklu. Il-gurnal 'In-Nazzjon' hu infurmat ukoll li min kiseb din l-informazzjoni jidher li hu marbut biex ma jikxifx li fil-fatt ghandu dan it-taghrif – l-importanti li dan mhux fil-periklu u li flimkien mal-familja tieghu jisnab f'post sigur"*.

   v. *"Keith Schembri – li kien innega li qatt ghamel xi negozju ma' kuginuh Ryan Schembri – jaf tajjeb bil-kuntatti ta' kuginuh. In-Nazzjon illu tista' tizvela kif dawn it-tnejn kienu jafda hafna lil xulxin fin-negozju taghhom u kienu jghaddu wkoll lil xulxin kuntatti li kienu jistabbilixxu fi Tripli stess"*.

   vi. *"Libjan li tkellem ma' 'In-Nazzjon' bil-patt tal-kunfidenzjalita, fisser li Ryan Schembri u Keith Schembri, flimkien ma' numru ta' persuni ohra li ahna ksibna l-ismijiet taghhom, kienu jaghmlu hafna xoghlijiet fil-Libja. Fil-Libja kellhom kuntatti kbar u negozjanti Libjani kienu jafu b'dan sew, ghax permezz ta' hekk setghu jaghmlu huma wkoll xiri u bejgh.*

   *Maghhom direttament jew indirettament fil-borma, kien hemm irjus kbar ohra Maltin.*

   *Dan minkejja li issa jista' jkun li hemm min qed jichad li qatt kellu xi negozju jew li xi darba ghamel negozju ma' Ryan Schembri, ghax ladarba jidher li Ryan Schembri ghereq, haddiehor ma jridx li jeghreq hu wkoll"*.

   L-ebda wiehed minn dawn mhu kumment jew *value judgment*.

8. Ghal dak li jirrigwarda l-attur, l-uniku fatti ippruvati huma li hu prim'kugin ta' Ryan Schembri, jokkupa l-kariga ta' Chief of Staff fl-ufficcju tal-Prim'Ministru u kien jinnegozja fil-Libja bil-kumpanniji tieghu.

9. Meta wiehed jaqra l-artikolu ghall-ewwel darba mill-ewwel jifhem li l-attur hu l-persuna li jaf fejn jinsab Ryan Schembri, u dan meta tqies:

   i. It-titlu *"Hamsin Jum mill-Harba ta' Ryan Schembri Li Hu Mfittex Dwar il-Frodi ta' €40 Miljun Hawn min jaf fejn qieghed"*;

ii. Ir-ritratt tal-attur ma' gemb dak ta' Ryan Schembri, stampati propju fuq it-titlu tal-artikolu;
iii. Apparti Ryan Schembri, l-attur hu l-uniku persuna ohra li fl-artikolu jissemma b'ismu.
iv. Fl-artikolu jinghad li l-attur u Ryan Schembri kienu wkoll ferm qrib ta' xulxin ghal dak li jirrigwarda negozju li ghamlu fil-Libja, fejn gie ddikjarat li kellhom kuntatti kbar u kienu jaghmlu hafna xoghol gewwa l-Libja.

10. Mill-artikolu wiehed jifhem ukoll li l-attur u Ryan Schembri ghandhom konessjonijiet kbar ta' negozju gewwa l-Libja fejn l-awtur irrapporta li kellhom *'kuntatti kbar'* flimkien ma' persuni ohra. Fil-fatt ikompli jghid, *"Maghhom, direttament jew indirettament fil-borma, kien hemm irjus kbar ohra Maltin"*. Dan tant gie rapportat bhala fatt li fl-ahhar paragrafu tal-artikolu jinghad li l-affarijiet huma kif rapportati minkejja li issa hemm min qieghed *"… jichad li qatt kellu xi negozju jew li xi darba ghamel negozju ma' Ryan Schembri…."* Ovvjament ir-riferenza ghall-attur hi cara in kwantu fl-istess artikolu gie rraportat li l-attur cahad "(….) *li qatt ghamel xi negozju ma' kuginuh Ryan Schembri…."*.

11. Li l-attur ikun assocjat ma' persuna li fl-artikolu nghad li hu mahrub minn Malta u allegatament imfittex dwar frodi ta' €40,000,000, zgur li ma kienx intiz biex irebbah punti lill-attur f'ghajnejn il-pubbliku. Dan iktar u iktar meta tqis li l-attur jokkupa l-kariga ta' Chief of Staff fl-ufficcju tal-Prim'Ministru. Il-konvenut Micallef xehed:

> *"Jiena nghid illi fl-ebda sens fl-istorja jiena ma ridt nghid illi Keith Schembri kien jaf fejn qieghed Ryan Schembri; li kont qed nghid hu, u anke tohrog minn l-istorja hija li kien hemm persuni illi kienu jafu fejn kien qieghed Ryan Schembri"*.

Dan zgur mhuwiex il-messagg li johrog mill-artikolu. Kieku l-awtur ried sempliciment ighid li hemm min jaf fejn qieghed Ryan Schembri, ma kellux bzonn jghid dawk il-fatti kollha dwar l-attur u jenfasizza li kellu konnessjoni fil-qrib ma' Ryan Schembri ghal dak li jirrigwarda negozju gewwa l-Libja. Konnessjoni li skont l-awtur tant hi b'sahhitha li qal li qeghdin fl-istess borma ma' ohrajn. Fatt li qatt ma saret prova dwaru.

12. Il-konvenuti jsostnu li jekk il-messagg li nghata fl-artikolu kien li l-attur jaf fejn qieghed Ryan Schembri, ma jistax jitqies libelluz. Il-qorti ma taqbilx meta tikkunsidra li fl-artikolu nkiteb li Ryan Schembri kkommetta frodi ta' €40,000,000 tant hu hekk li t-titlu jaqra: *"Hamsin Jum mill-Harba ta' Ryan Schembri* ***Li Hu Mfittex Dwar il-Frodi ta' €40 Miljun*** *Hawn min jaf fejn qieghed"*. Jinghad ukoll, *"Ryan Schembri jinsab imfittex minn numru ta' persuni li direttament jew indirettament* ***iffrodahom flejjes kbar*** *bl-iskuza li jinvestu flushom mieghu halli jkun jista' jaghmel kummerc ….."* Meqjus ukoll li fl-artikolu nghad li Ryan Schembri hu mahrub minn Malta, li l-attur ikun jaf

fejn jinsab kuginuh u jzomm dak it-taghrif bhala sigriet, fiha nnifisha hi haga serja. Dan iktar u iktar meta tqies il-kariga li jokkupa fl-ufficcju tal-Prim'Ministru.

13. Fir-rikors tal-appell argumentaw ukoll li pprezentaw bhala stat ta' fatt dak li kien pubblikament diga' gie ppubblikat. Pero' fl-artikolu ma saret l-ebda riferenza ghall-pubblikazzjoni ohra. Iktar minn hekk, jekk l-artikolu irrepeta dak li kien intqal f'artikoli ohra, ma jfissirx li l-gurnalista igawdi xi privilegg kontra azzjoni ta' din ix-xorta. Fir-rikors tal-appell intqal ukoll:

    > *"L-appellanti bl-ebda mod ma mplikaw lil Keith Schembri izda biss semma fil-kuntest gja ppubblikat fil-mezzi tax-xandir lokali kollha li huwa prim'kugin tal-istess Ryan Schembri".*

    Pero' rajna li fl-artikolu l-attur ma ssemmiex biss fil-kuntest li hu prim'kugin ta' Ryan Schembri.

14. Ghal dawk li huma danni, il-qorti diga' kellha l-opportunita' li tghid li d-diskrezzjoni tal-ewwel qorti m'ghandhiex tigi facilment disturbata. Fl-artikolu nghadu fatti li fl-ebda hin ma gew ippruvati. Fatti li ma jirriflettu xejn tajjeb dwar l-attur, in kwantu jiddeskrivuh bhala persuna li kellu konnessjonijiet kbar ma' kugunih f'negozju li kienu jaghmlu fil-Libja. Dan iktar u iktar meta tqies li skont l-artikolu Ryan Schembri kien mahrub minn Malta u kkommetta frodi ta' dawk il-miljun ta' ewro. Li l-attur f'xogholu jigi konness ma' persuna simili zgur ma jirriflettix tajjeb fuq ir-reputazzjoni u l-integrita taghha, iktar u iktar meta jinghata x'jifhem li l-attur jaf fejn jinsab Ryan Schembri. Fil-fehma tal-qorti s-somma ta' €5,000 li l-konvenuti kienu kkundannati jhallsu tirrifletti s-serjeta ta' fatti li nghadu dwar l-attur, u li baqghu ma gewx ippruvati. Dan iktar u iktar meta tqies li l-ewwel qorti kkonkludiet li:

    > *"(....) l-artikolu ma huwiex bbazat principalment fuq it-tfittxija tal-verita' u tax-xandir tal-fatti lill-qarrejja, izda huwa bbazat fuq l-intenzjoni, da parti tal-artikolist, illi jaghmel hsara lil Keith Schembri, illi huwa meqjus bhala avversarju politiku ghall-Partit Nazzjonalista, illi tieghu l-gazzetta 'In-Nazzjon' hija l-gazzetta ufficjali, bil-ghan illi jsir hsara lill-gvern tal-gurnata".*

    Probabbilment kieku l-attur ma kienx vicin tal-Prim'Ministru u l-Partit Laburista, lanqas biss ma kien jissemma fl-artikolu u lanqas ma kienet tinghata dik il-prominenza kollha lil Ryan Schembri.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kollha kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul.